MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1112/2014

**Farsons Beverage Imports Company Limited**

**vs**

**Erom Trading Ltd u**

**Darren Casha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta’ Dicembru 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti hija socjeta privata limitata stabbilita taht l-ligijiet ta' Malta u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji bin-numru "C 476" li topera, principalment fl-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-biegh u d-distribuzzjoni ta' prodotti tax-xorb.

2. Illi ghal zmien twil, is-socjeta rikorrenti kienet, fil-kors tan-negozju taghha, tissupplixxi u tbiegh lis-socjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited (kumpannija privata limitata stabbilita taht il-Ligijiet ta' Malta u registrata mar-Registru tal-Kumpanniji bin-numru C 33174) merkanzija konsistenti fi prodotti tax-xorb fuq ordniijiet tal-istess socjeta Cassar & Schembri (Marketing Limited) u dan in konnessjoni mal-operat tas-supermarkets "MORE".

3. Illi sa Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti minghand is-socjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited kien jammonta ghas-somma ta' elfejn disa’ mija sebgha u disghin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,997.21) (dan hekk kif jirrizulta mill-istatements relattivi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. FBV1-FBV6).

4. Illi fit-tlettax (13) ta' Gunju, tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-socjeta rikorrenti giet infurmata permezz ta' ittra mibghuta mill-intimat Darren Casha fil-kapacita tieghu bhala direttur tas-socjeta intimata Erom Trading Limited (socjeta privata limitata mwaqqfa taht il-Ligijiet ta' Malta u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) kif jidher car mic-certifikat ta' registrazzjoni hawn anness u mmarkata bhala "Dok. FBV7"), fejn l-istess intimat Darren Casha (dejjen fil-vesti tieghu bhala direttur) ispjega illi s-socjeta intimata assumiet u hadet responsabilita assoluta ghad-dejn assoluta li kellha s-socjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited (kopja ta' din l-ittra hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. FBV8"). F'din l-ittra hemm indikat b'mod car illi "Erom Trading Limited has assumed full responsibility and ownership of the outstanding and future dues of Cassar & Schembri (Marketing) Limited in respect of invoices relating to the provision of goods to the MORE Supermarkets outlets ".

5. Illi, konsegwentement, wara t-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-socjeta rikorrenti bdiet tiehu ordnijiet direttament minghand, u bdiet tissuplixxi u tbiegh direttament, lis-socjeta intimata Erom Trading Limited fir-rigward tal-operat tas-supermarkets 'More'. Illi, eventwalment, is-socjeta intimata bdiet taqa' lura fil-hlasijiet taghha b'konsegwenza illi sallum is-socjeta intimata ghandha taghti lis-socjeta attrici sitta u sebghin elf, erba’ mija disgha u tmenin euro u tmienja u tmenin centezmu (€76,489.88) (u dan kif jirrizulta evidentement mill-istatements annessi u mmarkati "Dok. FBV9 sa FBV13" rispettivament), liema ammont huwa apparti l-ammont imsemmi aktar il-fuq ossija l-ammont ta' elfejn disa’ mija u sebgha u disghin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,997.21) qabel dovut minghand socjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited u li ghalihom kienet assumiet ir-responsabilita s-socjeta intimata Erom Trading Limited.

6. Illi, kif jidher mill-istatements annessi, l-ammont totali ghadu dovut sallum huwa ta' disgha u sebghin elf erba' mija u sebgha u tmenin euro u disa’ centezmu (€79,487.09).

7. Illi l-intimat Darren Casha ghamel garanzija personali sabiex jaghmel tajjeb dak li ghanda taghti s-socjeta intimata bl-assi kollha tieghu, prezenti u futuri u dan kif jirrizulta kjarament mid-dikjarazzjoni li ghamel l-istess intimat Darren Casha fil-Credit Application Form li sar bejn inter alia s-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata Erom Trading Limited (kopja hawn anness u mmarkat bhala "Dok. FBV14"). Konsegwentment, l-intimat Darren Casha huwa solidalment responsabbli mas-socjeta intimata Erom Trading Limited sabiex jaghmel tajjeb ghad-dejn favur ir-socjeta rikorrenti.

8. Illi fl-umli fehma tas-socjeta rikorrenti jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-socjeta rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

GHALDAQSTANT, is-socjeta rikorrenti titlob umilment li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tisma' u tiddeciedi din it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

(ii) Tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom debituri tas-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited fis-somma ta' disgha u sebghin elf, erba' mija sebgha u tmenin euro u disa’ centezmu (€79,487.09);

(iii) Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited l-ammont ta' disgha u sebghin elf, erba' mija u sebgha u tmenin euro u disa’ centezmu (€79,487.09);

Bl-ispejjez gudizzjarji, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha dovuta, kontra l-istess intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti tas-26 ta’ Frar 2015 fejn ammettew t-talbiet tas-socjeta attrici.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta’ disgha u sebghin elf erba' mija u sebgha u tmenin euro u disa’ centezmu (€79,487.09), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha dovuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------